MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 51/2003

**Gozotique Limited**

**vs**

**Joe Vella**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kundannat thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm 629.18) ammont dovut fuq merkanzija li giet mibjugha u ikkonsenjata lilek mis-socjeta' attrici, flimkien mal-interessi fuq din is-somma mid-dsatax ta' Lulju 1998 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti msejjah."

Ra r-risposta:

"Nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Joseph Vella
Jeccepixxi bir-rispett:

1. In linea preliminari il-konvenut jeccepixxi l-preskrizzjoni stante illi meta giet ipprezentata l-kawza l-ammont dovut kien diga preskritt u dan taht l-Artikolu 2148(a) u/jew 2148(b);

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, in linea preliminari, il-konvenut jitlob il-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur peress illi l-prodotti mertu tal-kawza odjerna ma kienx ordnat f'ismu u ghalih personalment izda kien ordnat mis-socjeta' JAR Company Limited u ghall-uzu mill-istess socjeta';

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut jikkontesta illi l-ammont in kwistjoni huwa dovut kollu kif jigi spjegagt waqt is-smiegh tal-kawza;

Ghaldaqstant, din il-kawza ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur."

Sema' l-provi u qara d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra:

Illi kwantu ghall-ewwel eccezzjoni, din ma tregix ghax billi l-konvenut iffirma l-kontijiet, u billi wkoll kien hemm kontinwazzjoni ta' forrnituri, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta'hames snin skond Artiklu 2151(2) ta' Kap 16 u mhux Artiklu 2148(a) jew 2148(b) kif eccepit - *Publius Paul Farrugia et noe vs Emmanuel Aquilina et noe – Qorti tal-Kummerc, Imhallef G O Refalo, 24.02.1976.* Dan il-perjodu kien ghadu ma ghaddiex sakemm saret din il-kawza.

Illi kwantu għall-eċċezzjoni li l-konvenut mhux il-leġittimu kontradittur, dan kellu l-obbligu, fi proċeduri quddiem dan it-Tribunal, li galadarba hass li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur, jiehu hsieb, huwa stess, li jsejjah fil-kawza lil JAR Company Limited – haga li naqas milli jaghmel. Dan l-obbligu huwa impost mir-regoli tal-1995 dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (A.L. 145 tal-1995 kif sussegwentement emendat). Skond Artiklu 6(1) tal-istess regolamenti, jekk il-konvenut jidhirlu li ghandu jkun hadd iehor li jhallas it-talba, huwa ghandu jindika fir-risposta tieghu min hi dik il-persuna l-ohra li ghandha thallas it-talba kollha jew parti minnha; u sahansitra tobbligah li jinnotifika lil tali terzi. Dan l-obbligu imbaghad huwa migjub ghall-attenzjoni tal-konvenut fuq il-formola numru 2 u cioe' formola ghar-risposta mahruga permezz tal-Avviz Legali 168 tal-1995. Hemm ukoll Formola 6 li hija Avviz lit-Terza Persuna li l-konvenut irid jiehu hsieb li jimla'. Filwaqt li quddiem il-Qrati, il-kjamat fil-kawza jigi mitlub lill-Qorti, quddiem it-Tribunal il-konvenut (jekk mhux ukoll l-attur) huwa addirittura <u>obbligat li jsejjah huwa stess, bla ma jitlob digriet mit-Tribunal</u> il-kjamat fil-kawza, u dan **sahansitra anke jekk jidhirlu li hu ma huwiex il-legittimu kontradittur.** A skans ta' ekwivoku, it-Tribunal m'huwiex qieghed jghid li n-nuqqas da parti tal-konvenut minn dan l-obbligu jgib mieghu il-konsegwenza li allura huwa jkun responsabbli personalment; imma certament li nuqqas bhal dan ma jghin xejn il-kredibilita' tieghu.

Il-piz tal-prova li huwa kkuntratta ghan-nom ta' socjeta' kummercjali jaqa' fuq spallejn il-konvenut, specjalment meta din is-socjeta' huwa l-uniku azzjonist taghha hlief ghal martu stess li ghandha sehem wiehed. Skond il-konvenut, meta kien imur jixtri huwa kien igieghel lis-salesgirl tas-supermarket tas-socjeta' attrici biex fuq il-kontijiet tnizzel il-kliem *Joe Vella JAR Company Limited Marsalforn Hotel.* Fil-fehma tat-Tribunal, dan mhux bizzejjed biex b'mod univoku juri li l-konvenut kien qieghed jikkuntratta ghan-nom tal-kumpannija. Imkien ma hemm imnizzel li Joe Vella kien qieghed jikkuntratta <u>ghan-</u>

nom tal-kumpannija, bhal *per pro* jew *on behalf of* (fil-prattika tan-negozju generalment imnizzlin bhala *p.p.* u *o.b.o.* rispettivament). Il-firma hija ta' Joe Vella f'ismu proprju, bla indikazzjoni li kien qieghed jiffirma ghan-nom ta' xi hadd iehor. L-indikazzjoni ta' *JAR Company Limited Marsalforn Hotel* fil-quccata ta' kull pagna li fiha jinstabu diversi partiti ta' xiri, bil-firma ta' Joe Vella taht kull partita tista' facilment tinftiehem sempliciment bhala mezz kif tidentifika dan ix-xerrej Joe Vella min kien u xejn izjed. Mhux bizzejjed x'seta' kellu f'mohhu l-konvenut; li jghodd hu dak li jkun hemm miktub purke' dan ma jhalli l-ebda lok ghal kwalsiasi ekwivoku. U dan l-ekwivoku jrid iktar u iktar ma jkunx prezenti fil-kaz li xi hadd imur jixtri u jkollu kumpannija tieghu stess li ma jkollha l-ebda assi li jkunu kapaci jaghmlu tajjeb id-debitu kkuntrattat, ghax dan jaghti lok ghall-frodi.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta'u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut rigward il-preskrizzjoni, jichad ukoll it-tieni u t-tielet eccezzjoni, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' LM629.18c prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkunsinnata bl-imghax mid-19 ta' Lulju 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------